**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 14 ta' Gunju, 2019**

**Talba Nru: 78/2019PM1**

**Roderick Camenzuli (KI 465178(M))**

**Vs**

**I Gaming Elite Limited (C51992)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-tnax (12) t'April, 2019 permezz ta' liema l-attur talab li s-socjeta` intimata tigi kkundannata thallas is-somma ta' elf tlett mija u tlettax-il euro (€1313) rapprezentanti prezz ta' xiri u installazzjoni ta' hames (5) *venetian blinds* li l-istess attur biegh u nstalla fl-ufficji tas-socjeta` intimata fuq inkarigu taghha stess, bl-ispejjez inkluzi dawn referibbli ghal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment mal-avviz u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mit-12 ta' Jannar, 2018 sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta` intimata

Ra l-fattura ezebita in atti bhala Dok. A (fol. 2 tal-process).

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti tal-24 ta' Mejju, 2019 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tal-5 ta' Gunju, 2019 u fil-fatt is-socjeta` intimata ma deheritx sabiex tirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. L-ammont mitlub jinsab ukoll konfermat tramite l-fattura relattiva ezebita in atti. L-imghaxijiet ghandhom jiddekorru mid-data tal-istess fattura, ossija t-12 ta' Jannar, 2018 a tenur tal-art. 1141 tal-Kodici Civili.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma mitluba ta' elf, tlett mija u tlettax-il euro (€1313) rapprezentanti prezz ta' xiri u installazzjoni ta' hames (5) *venetian blinds* li l-istess attur biegh u nstalla fl-ufficji tas-socjeta` intimata fuq inkarigu taghha stess, bl-ispejjez inkluzi dawn referibbli ghal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment mal-avviz u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mit-12 ta' Jannar, 2018 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-istess socjeta` intimata.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**